**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 13 ta' Novembru 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Abdul Latif Ali Sherif**

**Ismaile Idris**

**Njumi Mohamed**

**Oshieko Noor Alameen**

**Hassan Mohammed Hassan**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

**Abdul Latif Ali Sherif,** detentur tad-dokument tal-pulizija 19N- 015.

**Ismaile Idris**, detentur tad-dokument tal-pulizija 19T- 055

**Njumi Mohamed**, detentur tad-dokument tal-pulizija 19O-022

**Oshieko Noor Alameen**, detentur tad-dokument tal-pulizija 19T - 035

**Hassan Mohammed Hassan**, detentur tad-dokument tal-pulizija 19O- 044.

Fejn gew akkuzati talli f`dawn il-Gzejjer, gewwa Safi Barracks, Safi, nhar l-25 ta` Settembru 2019 bejn l-ghaxra ta` filghodu u l-hdax ta` filghaxija (10:00a.m – 11:00p.m) u/jew fil-vicinanzi:

Wettqu reat li sar minn numru ta` tlieta minn nies jew izjed migmughin flimkien bil-hsieb li jaghmlu reat, u tnejn minnhom u/jew aktar kellhom fuqom armi regulari li jitqies li sar bi vjolenza pubblika. (Art. 63 Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi tlett persuni jew aktaringemghu jew baqaw flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b`mod tali u taht cirkostanzi tali ta` vjolenza, heddew, ghamlu rewwixta, ghadd ta` nies, wrew armi jew xort'ohra, li setaw gabu twerwir u biza' fost in-nies Maltin. (Art. 79 Kap 9 tal-Ligijiet tal-Malta).

Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kienu aktar minn tnax-il persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubbblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita` kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet jmorru lejn darhom jew fuq xogholom, jibqghu jew jissoktaw flimkien kontra l-ligi, b`numru ta` tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li tkun giet maghmula dik it-twissija pubblika (Art. 80 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament, hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal- Gvern ta` Malta u/jew entitajiet ohra u/jew persuni ohra liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (Euro 2,500) (Art 325 (1)(a) Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta)

Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi Akkuzat ingurjaw, heddu jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz. (Art 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-waqt likienu qeghdin jaghmlu reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna jew ta` serq jew ta` hsara fil-proprjeta', jew waqt li kienu qeghdin jigu arrestati ghal delitt, kellom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari, jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta` dawk l-oggetti. (Art 55 Kap 480 tal-Ligijiet ta` Malta).

Nakkuzahom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap. 9 tal- Ligijiet ta` Malta).

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta' Settembru 2019, (ara *folio* 21) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati fl-udjenza tallum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kienu nghataw iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tallum stess fejn l-imputati iddikjaraw li kellhom bizzejjed zmien biex jergghu jirrikonsidraw u li fehmu sewwa n-natura tal-

imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u li fehmu ukoll li l-ammissjoni taghhom, kif fehmithom din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tal-imputati. Ghall-finijiet tal-piena u/jew sanzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputati. Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa in-natura serja tal-imputazzjonijiet.

**Decide;**

Ghal-mottivi premessi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 63, 79, 80, 95, 325 (1)(a) u 338 (dd) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif wkoll l-Artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputati **Abdul Latif Ali Sherif, Ismaile Idris, Njumi Mohamed, Oshieko Noor Alameen u Hassan Mohammed Hassan**, fuq ammissjoni taghhom stess, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom u tikkundannhom kull wiehed ghall-piena ta' sena u nofs prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur